



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 15 ta' Diċembru 2022
(OR. en)

15746/22

AGRI 700
AGRIFIN 145
FIN 1316

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	12 ta' Diċembru 2022
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 15110/22	
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 14/2022 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titlu: "Ir-rispons tal-Kummissjoni għall-frodi fil-Politika Agrikola Komuni: Wasal il-waqt li l-kwistjoni tiġi indirizzata aktar fil-fond" - <i>Konklużjonijiet tal-Kunsill</i>

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar:

il-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar ir-Rapport Speċjali tagħha 14/2022 bit-titlu: "Ir-rispons tal-Kummissjoni għall-frodi fil-Politika Agrikola Komuni: Wasal il-waqt li l-kwistjoni tiġi indirizzata aktar fil-fond"

adottati mill-Kunsill fit-3921 laqgħa tiegħu li saret fit-12 ta' Diċembru 2022.

Konklużjonijiet tal-Kunsill

**Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar ir-Rapport Speċjali tagħha 14/2022 bit-titlu:
*"Ir-rispons tal-Kummissjoni għall-frodi fil-Politika Agrikola Komuni: Wasal il-waqt li l-kwistjoni tiġi indirizzata aktar fil-fond"***

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

1. JINNOTA ir-Rapport Speċjali tal-Qorti Nru 14/2022 "Ir-rispons tal-Kummissjoni għall-frodi fil-Politika Agrikola Komuni: Wasal il-waqt li l-kwistjoni tiġi indirizzata aktar fil-fond", li vvaluta jekk il-Kummissjoni ħaditx azzjoni xierqa dwar il-frodi fl-infiq taħt il-PAK;
2. JIEĦU NOTA tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti lill-Kummissjoni biex tikseb u tikkondividi għarfien aktar profond tar-riskji ta' frodi u tal-miżuri fl-infiq taħt il-PAK u biex tippromwovi l-użu ta' teknoloġiji ġodda fil-prevenzjoni u l-kxif tal-frodi fl-infiq taħt il-PAK, li l-Kummissjoni taċċetta;
3. IFAKKAR li l-Kummissjoni timplimenta l-baġit taħt ġestjoni kondiviża u l-Istati Membri huma meħtieġa jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li l-azzjonijiet iffinanzjati mill-baġit tal-UE jiġu implimentati b'mod korrett u effettiv u f'konformità mar-regoli tal-UE, inkluż li jkun hemm fis-seħħ sistemi għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni ta' irregolaritajiet u frodi; għalhekk JENFASIZZA l-ħtieġa li jitqies il-piż finanzjarju u amministrattiv u li l-ispejjeż baġitarji nazzjonali jridu jibqgħu proporzjonati mar-riskju identifikat għall-fondi tal-UE;
4. JISSOTTOLINJA li l-impatt finanzjarju tal-irregolaritajiet frodulent i rappurtati għall-PAK huwa ġeneralment baxx u li l-għadd ta' irregolaritajiet u l-ammonti assoċjati mhum iex indikaturi diretti tal-ammont ta' frodi li jaffettwa l-baġit tal-UE u JENFASIZZA li l-Istati Membri jistinkaw biex jiġġieldu l-frodi u attivitajiet illegali oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-UE;

5. JENFASIZZA d-distinzjoni bejn frodi stabbilita u irregolaritajiet frodulent i sospettati u JISSOTTOLINJA li irregolaritajiet frodulent i sospettati jistgħu jiġu investigati biss minn korpi kompetenti biex jinvestigaw każijiet bħal dawn;
6. JILQA' B'SODISFAZZJON il-valutazzjoni pożittiva tal-Qorti tar-rwol tas-Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll (SIAC) u s-Sistema ta' Identifikazzjoni tal-Irqajja' tal-Art (LPIS) fil-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-livelli ta' żbalji;
7. JINNOTA li l-"ħtif tal-art" ma jirrappreżentax problema inerenti għall-abbuż tad-dgħufijiet fil-leġiżlazzjoni tal-PAK u li jista' jkun marbut ma' nuqqasijiet fis-sistemi legali, is-superviżjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet individwali fl-Istati Membri, li jeħtieġ li jiġu indirizzati skont approċċ ġenerali tal-istat tad-dritt;
8. JIEĦU NOTA tal-azzjonijiet implimentati mill-Kummissjoni biex tappoġġa lill-Istati Membri fl-użu ta' tagħhom ta' teknoloġiji ġodda, intelliġenza artifiċjali u tagħlim awtomatiku għall-prevenzjoni u l-identifikazzjoni tal-frodi;
9. JAPPOĠĠA l-azzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni bil-għan li jżidu s-sensibilizzazzjoni tal-Istati Membri dwar kwistjonijiet relatati mal-frodi, il-gwida pprovduta lill-korpi ta' ċertifikazzjoni dwar ir-rwoli ta' tagħhom fil-valutazzjoni tal-istrateġiji kontra l-frodi tal-aġenziji tal-pagamenti u t-tixrid tal-aħjar prattiki fost l-Istati Membri;
10. IFAKKAR li mill-2023, l-Istati Membri jeħtieġ li jkollhom sussidjarjetà sħiħa fit-tfassil tas-sistemi ta' kontroll u penali ta' tagħhom f'konformità mal-kunċett tal-Mudell ta' Implimentazzjoni Ġdid u l-qafas legali għall-PAK il-ġdida 2023-27.
